MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 32/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**JOSEPH CHETCUTI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH CHETCUTI** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Carmelo u Rita nee' Degabriele, imwieled Pieta, fl-4 ta' Jannar, 1991, u joghqod 9, Panrith, Triq il-Konservatorju, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 38491(M) gie imressaq quddiemha w akkuzat:

Talli fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Dicembru 2012 u d-9 ta' Dicembru 2012 minn kamra f'ghalqa li tinsab fi Triq id-Dejma Hal Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer kkommetta serq ta' hamiem u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz, valur li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu, hin, kif ukoll bin-nature tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Joseph Abela min Hal-Tarxien u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ f’kamra li tinsab fl-imsemmija ghalqa liema hsara ma teccedix 1164.69 ewro u 116.47 ewro, li saret ghad-dannu Joseph Abela minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jew dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun idahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet  mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta’ Jannar 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta’ Jannar 2013.

Il-Qorti rat dak li gie vverbalizzat fis-seduta tal-lum 12 ta’ Frar 2013 mill-Avukat Difensur u cioe’ li l-imputat ikkumpensa lill-vittma Joseph Abela tad-danni kollha sofferti minnu.

Rat dikjarazzjoni datata 22 ta’ Jannar 2013 fejn il-vittma Joseph Abela iddikjara li huwa sodisfatt bil-kumpens li

inghata dwar id-danni li sofra u li m’ghandux pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat tant li xtaq jirtira l-istess akkuzi.

Il-Qorti rat illi fil-process ma giex esebit fedina penali tal-imputat u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat bhala first time offender u ghalhekk thoss illi hi ghandha taghti unconditional discharge lill-imputat.

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha rat illi t-tielet akkuza inghatat b’mod alternattiv ghall-ewwel akkuza u konsegwentement stante l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel akkuza mhix se tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza.

**Il-Qorti rat l-Artikoli 261(b), (c) u (g), 271, 280, 325b u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH CHETCUTI hati tal-akkuza ta’ serq aggravat u hsara volontarja kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mil-lum taht l-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------